IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.8.2021
COM(2021) 495 final

2021/0280 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 540(3) tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-UE (Prüm) li matulu l-profili tad-DNA u l-marki tas-swaba' jistgħu jiġu skambjati mar-Renju Unit

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja b'rabta mal-Artikolu 540(3) tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem: "it-TCA", "Agreement on Trade and Cooperation").

It-TCA jinkludi l-possibbiltà għal kooperazzjoni reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, minn naħa waħda, u r-Renju Unit, min-naħa l-oħra, dwar it-tqabbil awtomatizzat tal-profili tad-DNA, id-*data* dattiloskopika u d-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Sabiex ir-Renju Unit jieħu vantaġġ minn dawn il-possibbiltajiet, l-ewwel se jkollu bżonn jieħu l-miżuri ta' implimentazzjoni meħtieġa u ssirlu evalwazzjoni.

Qabel it-TCA, ir-Renju Unit u l-Istati Membri kienu diġà qed jikkooperaw billi jqabblu l-profili tad-DNA u tal-marki tas-swaba' b'mod awtomatizzat, u jipprovdu *data* personali wara hit. Sabiex tiġi evitata lakuna fil-kooperazzjoni li tinsab għaddejja, it-TCA jistipula li l-Istati Membri jistgħu jipprovdu tali *data* lir-Renju Unit sakemm l-eżitu tal-evalwazzjonijiet meħtieġa mit-TCA joħroġ sat-30 ta' Settembru 2021. Il-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja jista' jestendi dan il-perjodu interim darba b'massimu ta' disa' xhur, jiġifieri sat-30 ta' Ġunju 2022.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit

It-TCA jistabbilixxi l-bażi għal relazzjoni wiesgħa bejn l-UE u r-Renju Unit, f'żona ta' prosperità u viċinanza tajba, ikkaratterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u paċifiċi bbażati fuq il-kooperazzjoni, fir-rispett tal-awtonomija u s-sovranità tal-Partijiet. It-TCA daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021 u stabbilixxa, fost l-oħrajn, Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja.

2.2. Il-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja

Il-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja huwa stabbilit biex jindirizza kwistjonijiet koperti mit-Tielet Parti tat-TCA, intitolata "Infurzar tal-Liġi u Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali". It-TCA jistabbilixxi diversi Kumitati Speċjalizzati.

Fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-qasam ta' kompetenza tagħhom, il-Kumitati Speċjalizzati għandu jkollhom is-setgħa li, fost l-oħrajn, jimmonitorjaw u jirrevedu l-implimentazzjoni u jiżguraw il-funzjonament tajjeb tat-TCA, jassistu lill-Kunsill ta' Sħubija ġenerali fit-twettiq tal-kompiti tiegħu u jadottaw deċiżjonijiet, inklużi emendi, u rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha fejn dan il-Ftehim jew kwalunkwe ftehim supplimentari jipprevedi dan.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja

L-Artikolu 540(3) tat-TCA jipprevedi li l-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja jista' jestendi l-perjodu li matulu l-Istati Membri jistgħu jkomplu jqabblu d-*data* kif imsemmi fl-Artikoli 530, 531 u 534 u, f'każ ta' tqabbil, jipprovdu aktar *data* personali disponibbli skont il-liġi domestika, inkluż ir-regoli dwar l-assistenza legali, kif

imsemmi fl-Artikolu 536 tat-TCA. Dan il-perjodu se jintemm fit-30 ta' Settembru 2021, sakemm il-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja ma jiddeċidix li jestendih b'mhux aktar minn disa' xhur.

Id-deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja li testendi l-perjodu msemmi hawn fuq tista' tieħu kwalunkwe forma. Id-deċiżjonijiet tal-kopresidenti għandhom jittieħdu b'kunsens reċiproku (ara l-Artikolu 1(2) tal-Anness 1 tat-TCA). Id-Deċiżjoni tista' tittieħed fi kwalunkwe ħin, iżda sabiex tiġi evitata lakuna fil-kooperazzjoni jeħtieġ li tittieħed qabel l-1 ta' Ottubru 2021.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

3.1. Sfond

It-TCA jinkludi l-possibbiltà ta' kooperazzjoni reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, minn naħa waħda, u r-Renju Unit, min-naħa l-oħra, dwar it-tqabbil awtomatizzat tal-profili tad-DNA, id-*data* dattiloskopika u d-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Sabiex ir-Renju Unit jieħu vantaġġ minn dawn il-possibbiltajiet, l-ewwel se jkollu bżonn jieħu l-miżuri ta' implimentazzjoni meħtieġa u ssirlu evalwazzjoni.

Abbażi ta' rapport ta' evalwazzjoni ġenerali dwar iż-żjara ta' evalwazzjoni u, fejn applikabbli, prova pilota, l-Unjoni għandha tiddetermina d-data jew id-dati minn meta l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu tali *data* lir-Renju Unit.

Skont it-TCA, ir-Renju Unit irid jgħaddi wkoll minn evalwazzjoni rigward it-trasferiment awtomatizzat ta' *data* tad-DNA u *data* dattiloskopika li diġà jkun hemm konnessjonijiet għalihom mar-Renju Unit skont il-qafas ta' "Prüm" tal-Unjoni[1].

Skont l-Artikolu 540(2) tat-TCA, l-Unjoni għandha tiddetermina d-data jew id-dati minn meta l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu d-*data* personali lir-Renju Unit skont it-TCA abbażi ta' rapport ta' evalwazzjoni ġenerali taż-żjara ta' evalwazzjoni u, fejn applikabbli, tal-prova pilota.

Sabiex tiġi evitata lakuna fil-kooperazzjoni li tinsab għaddejja dwar id-*data* tad-DNA u d-*data* dattiloskopika, it-TCA jistipula li l-Istati Membri jistgħu jipprovdu tali *data* lir-Renju Unit sakemm joħroġ l-eżitu ta' dawn l-evalwazzjonijiet u d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 540(2) tat-TCA sat-30 ta' Settembru 2021. Il-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja jista' jestendi dan il-perjodu interim darba b'massimu ta' disa' xhur, jiġifieri sat-30 ta' Ġunju 2022.

3.2. Ħtieġa għal Deċiżjoni tal-Kunsill

L-evalwazzjoni tar-Renju Unit skont it-TCA tinsab fi stadju bikri ħafna. Il-proċeduri ta' evalwazzjoni li saru fil-passat skont il-qafas "Prüm" tal-Unjoni damu mill-inqas sitt xhur. Sussegwentement, ikun hemm bżonn aktar żmien biex il-Kunsill jipproċessa r-rapport ta' evalwazzjoni u jiddeċiedi formalment li tali *data* tkun tista' tiġi skambjata. Għal dawn ir-raġunijiet, huwa improbabbli ħafna li l-proċess imsemmi hawn fuq jiġi ffinalizzat sa Settembru 2021. Dan ifisser li hemm riskju sinifikanti li tinħoloq lakuna fil-kooperazzjoni dwar id-*data* tad-DNA u d-*data* dattiloskopika mill-1 ta' Ottubru 2021. Dan jippreżenta riskji konkreti għas-sigurtà interna tal-Unjoni. Peress li l-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12).

Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja jista' jestendi l-perjodu interim darba biss, huwa propost li dan isir għall-perjodu massimu ta' disa' xhur, jiġifieri sat-30 ta' Ġunju 2022.

Fl-istess ħin, għandu jitqies li l-Unjoni diġà evalwat lir-Renju Unit fir-rigward tal-iskambju ta' profili tad-DNA u *data* dattiloskopika skont il-qafas "Prüm" tagħha. Il-Kummissjoni ma taf bl-ebda miżura leġiżlattiva jew regolatorja meħuda mir-Renju Unit peress li dawn l-evalwazzjonijiet jaffettwaw l-eżitu tal-evalwazzjoni li għaddejja skont it-TCA. Fi kliem ieħor, prima facie, il-Kummissjoni tassumi li r-Renju Unit għadu japplika l-istess proċeduri u kundizzjonijiet bħal dawk li għamel meta ġie evalwat fl-2018 (għall-profili tad-DNA) u fl-2019 (għal *data* dattiloskopika) skont il-qafas "Prüm" tal-Unjoni.

Għaldaqstant, f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja dwar l-estensjoni possibbli, skont l-Artikolu 540(3) tat-TCA, tal-perjodu li matulu l-Istati Membri jistgħu jkomplu jqabblu d-*data* kif imsemmi fl-Artikoli 530, 531 u 534 u, f'każ ta' tqabbil, jipprovdu aktar *data* personali disponibbli skont il-liġi domestika, inklużi r-regoli dwar l-assistenza legali mar-Renju Unit, kif imsemmi fl-Artikolu 536 tat-TCA.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu *"l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."*

Il-kunċett ta' *"atti li jkollhom effetti legali"* jinkludi atti li għandhom effetti legali bis-saħħa ta' regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede inkwistjoni. Dan jinkludi strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *"jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni"*[2].

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja huwa korp li nħoloq permezz ta' ftehim, jiġifieri t-TCA.

L-Artikolu 540(3) tat-TCA jipprevedi l-possibbiltà li l-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja jestendi l-perjodu li matulu l-Istati Membri jkunu jistgħu jkomplu jiskambjaw d-*data* kif imsemmi fl-Artikoli 530, 531 u 534 u, f'każ ta' tqabbil, jipprovdu aktar *data* personali disponibbli lir-Renju Unit kif imsemmi fl-Artikolu 536 tat-TCA. Għalhekk, l-adozzjoni ta' pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward ta' tali deċiżjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Bħala parti mit-TCA, l-effetti legali tal-estensjoni jaqgħu kompletament fuq l-Unjoni. Dan ifisser li, f'konformità mal-Artikolu 3(2) TFUE, l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva f'din il-kwistjoni.

Id-Deċiżjoni dwar estensjoni tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 540(3) tat-TCA ma tinvolvix li l-qafas tat-TCA jiġi ssupplimentat jew emendat.

[2] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti minn 61 sa 64.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun biss wieħed inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

Fir-rigward ta' att previst li jkollu għadd ta' objettivi f'daqqa, jew li jkollu diversi komponenti, li jkunu marbuta b'mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-bażi ġuridika sostantiva ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE jkollha tinkludi, b'mod eċċezzjonali, id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-estensjoni tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 540(3) tat-TCA ssegwi l-objettivi u għandha komponenti fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 87(2) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 87(2)(a) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

2021/0280 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 540(3) tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-UE (Prüm) li matulu l-profili tad-DNA u l-marki tas-swaba' jistgħu jiġu skambjati mar-Renju Unit

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 87(2)(a), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra "it-TCA")[3] jipprevedi kooperazzjoni reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, minn naħa waħda, u r-Renju Unit, min-naħa l-oħra, dwar it-tqabbil awtomatizzat tal-profili tad-DNA, id-*data* dattiloskopika u d-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Bħala prerekwiżit għal tali kooperazzjoni, l-ewwel ir-Renju Unit jeħtieġ li jieħu l-miżuri ta' implimentazzjoni meħtieġa u ssirlu evalwazzjoni mill-Unjoni.

(2) Abbażi ta' rapport ta' evalwazzjoni ġenerali dwar iż-żjara ta' evalwazzjoni u, fejn applikabbli, prova pilota, l-Unjoni għandha tiddetermina d-data jew id-dati minn meta l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu tali *data* lir-Renju Unit skont it-TCA.

(3) Ir-Renju Unit irid jgħaddi wkoll minn evalwazzjoni rigward it-tiftix u t-tqabbil ta' profili tad-DNA u *data* dattiloskopika li fir-rigward tagħhom diġà jkun hemm kuntatti mar-Renju Unit skont il-qafas ta' "Prüm" tal-Unjoni[4].

(4) Skont l-Artikolu 540(2) tat-TCA, l-Unjoni għandha tiddetermina d-data jew id-dati minn meta l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu d-*data* personali lir-Renju Unit abbażi ta' rapport ta' evalwazzjoni ġenerali taż-żjara ta' evalwazzjoni u, fejn applikabbli, tal-prova pilota.

(5) Sakemm joħroġ l-eżitu tal-evalwazzjoni u d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 540(2) tat-TCA, sabiex tiġi evitata lakuna fil-kooperazzjoni kontinwa fir-rigward tal-profili

[3] ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10-2539.

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12).

tad-DNA u d-*data* dattiloskopika, l-Artikolu 540 (3) tat-TCA jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jipprovdu tali *data* lir-Renju Unit sal-30 ta' Settembru 2021.

(6) L-Artikolu 540(3) tat-TCA jagħti s-setgħa lill-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja biex jestendi dak il-perjodu darba b'massimu ta' disa' xhur, jiġifieri sat-30 ta' Ġunju 2022.

(7) Huwa improbabbli li l-proċess imsemmi fil-premessi (3) sa (6) jiġi ffinalizzat sat-30 ta' Settembru 2021. Għaldaqstant, dan ifisser li hemm riskju sinifikanti li tinħoloq lakuna fil-kooperazzjoni dwar id-*data* tad-DNA u d-*data* dattiloskopika mill-1 ta' Ottubru 2021. Dan jippreżenta riskji konkreti għas-sigurtà interna tal-Unjoni.

(8) Fl-istess ħin, l-Unjoni diġà evalwat lir-Renju Unit fir-rigward tal-iskambju ta' profili tad-DNA u *data* dattiloskopika fil-kuntest tal-qafas "Prüm" tal-Unjoni meta r-Renju Unit kien għadu Stat Membru. L-Unjoni ma taf bl-ebda miżura leġiżlattiva jew regolatorja meħuda mir-Renju Unit peress li dawn l-evalwazzjonijiet jaffettwaw l-eżitu tal-evalwazzjoni li għaddejja skont it-TCA.

(9) F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa xieraq li tiġi adottata l-pożizzjoni f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja li l-effett tagħha jkun li l-Unjoni taqbel fir-rigward ta' estensjoni tal-perjodu li matulu li l-Istati Membri jistgħu jissuktaw jiskambjaw *data* sat-30 ta' Ġunju 2022, kif imsemmi fl-Artikoli 530, 531 u 534 u, f'każ ta' tqabbil, jipprovdu aktar *data* personali disponibbli kif imsemmi fl-Artikolu 536 tat-TCA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja skont l-Artikolu 540(3) tat-TCA għandha tkun il-qbil dwar l-estensjoni tal-perjodu li matulu li l-Istati Membri jistgħu jissuktaw jiskambjaw *data* sat-30 ta' Ġunju 2022, kif imsemmi fl-Artikoli 530, 531 u 534, u jipprovdu aktar *data* personali disponibbli lir-Renju Unit kif imsemmi fl-Artikolu 536 tat-TCA.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President